# ID-DAWL

NOVEMBRU 2020 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 35

"U qalb is-Sinjali Tiegħu hemm
il-kreazzjoni tas-smewwiet u l-art,
u l-varjetà tal-ilsna u l-kuluri tagħkom."



Imġiba Tajba | Soċjetà f'Saħħitha | Il-Maħfra | It-Tolleranza Reliġjuża

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IMĠIBA TAJBA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Imġiba soċjali eċċellenti tikkostitwixxi s-sisien ta' kull virtù. L-Iżlam dejjem jiggwidana biex inħarsu l-valuri morali tagħna u li rridu nistabbilixxu u ngħollu l-livelli tal-imġiba prattika tajba tagħna. Huwa importanti wkoll li nġibu ruħna sew mal-awtoritajiet u l-qraba.

Individwu staqsa lill-Messija Mwiegħed[as] dwar kif wieħed għandu jaġixxi mal-awtoritajiet u l-qraba. Il-Messija Mwiegħed[as] wieġeb: **"Uri mġiba xierqa ma' kulħadd. Huwa dmir ta' kull Musulman li jobdi u jkun leali lejn l-awtoritajiet.** Huma jipproteġuna u tawna libertà sħiħa reliġjuża. Inħoss li jkun tradiment jekk wieħed ma jobdix b'mod sinċier u jkun leali lejn il-gvern.

Persuna hija obbligata li turi rispett lejn qrabatha wkoll. Wieħed għandu jittrattahom sewwa wkoll; madanakollu, wieħed għandu jitbiegħed minnhom jekk dawn ikunu qed iwettqu għemejjel li jmorru kontra r-rieda ta' Alla Omnipotenti. **Il-prinċipju tagħna huwa li wieħed għandu juri tieba ma' kulħadd u juri ħniena ma' kull kreatura ta' Alla**." (*Malfużat* – Vol.2, p.174)

## ID-DAWL

Novembru 2020 – Numru 35 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Good Conduct | 02 |
| Every Child is born Sinless | 03 |
| Healthy Society | 04 |
| Forgiveness | 05 |
| Religious Tolerance | 06 |

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
Qoxra: Andrew Mayovskyy | Shutterstock

# IT-TFAL KOLLHA JITWIELDU BLA DNUB


Gabdrakipova Dilyara | Shutterstock

Żain kien imissu jitkellem. Huwa qam minn bilqiegħda u qal, **"Fl-Iżlam nemmnu li t-tfal kollha jitwieldu mingħajr dnub."**

Żain qal, "Skont it-tagħlim Iżlamiku, kull persuna hija responsabbli tal-azzjonijiet tiegħu jew tagħha, u tirrispondi direttament lejn Alla. **Il-Koran Imqaddes jgħid li ħadd ma jista' jġorr il-piżijiet ta' ħaddieħor.** (35:19) Jekk persuna tidneb, għandha tiġi kastigata hija biss ta' dak id-dnub u ħadd ieħor. Dan huwa prinċipju fundamentali tal-ġustizzja. Għalhekk, skont l-Iżlam, kull tifel u tifla jitwieldu bla dnub, il-għaliex id-dnub ta' persuna partikolari ma tistax tintiret minn persuna oħra. Huwa l-ambjent tiegħu, l-ideat u l-prinċipji tal-ġenituri tiegħu, u t-tagħlim li jirċievi mingħandhom li fl-aħħar nett jagħmlu individwu tajjeb jew ħażin."

Ħamżah kien bilqiegħda ħdejh. Huwa żied, **"Il-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam jingħad li qal, 'Kull tifel u tifla jitwieldu f'armonija man-natura. Huma l-ġenituri li jbiddluhom f'Lhud, jew iġagħluhom iqimu n-nar, jew isiru Nsara'."**

Huwa qal li għandna nkunu grati lejn il-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam għaliex neħħa l-istigma tad-dnub mit-tfal kollha li jitwieldu u huwa ddikjara li t-tfal kollha li jiġu f'din id-dinja jitwieldu bla dnub u għaldaqstant ikunu innoċenti.[(i)]

(i) Il-Ħlewwa mat-Tfal tal-Qaddis Profeta[sa] p.22

# SOĊJETÀ F'SAĦĦITHA

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien qal:

**"Min jemmen u jkun f'saħħtu aħjar minn min jemmen u jkun dgħajjef (fiżikament)."** Il-għaliex meta persuna tkun f'saħħitha tkun tista' tibqa' taħdem, tadura 'l Alla u tagħti servizz lill-umanità. Barra minn hekk, tkun tista' twettaq id-dmirijiet reliġjużi, soċjali u familjari b'mod aktar effettiv.

Bl-istess mod, dawk in-nies li huma f'saħħithom moralment, etikament u spiritwalment ikunu membri aktar utli għas-soċjetà, għaliex jistgħu jibnu soċjetà aktar enerġetika u sana. Skont il-Koran Imqaddes, l-istat naturali tal-bniedem għandu x'jaqsam ħafna mal-istati morali u spiritwali tiegħu. Meta l-ġisem fiżiku jkun f'saħħtu jkunu f'saħħithom ukoll ir-ruħ u l-ġisem spiritwali.

L-Iżlam iħeġġeġ lill-fidili kollha biex jieħdu ħsieb kemm is-saħħa fiżika tagħhom kif ukoll dik spiritwali. Li wieħed jiekol b'mod san u jkollu dieta bilanċjata jgħin biex il-ġisem ikun f'saħħtu, u l-ħsieb, il-qari, it-tagħlim u t-twettiq ta' għemejjel tajba jagħmlu lir-ruħ f'saħħitha.

Wieħed għandu jevita x-xewqat dinjin bħall-imħabba lejn il-popolarità jew il-kilba għall-flus kif ukoll l-ipokresija, l-ateiżmu, u l-manjieri ħżiena.

L-għan aħħari tar-reliġjon huwa s-safa tar-ruħ u li nilliberaw lilna nfusna mid-dnub. Jekk wieħed isegwi l-prinċipji bażiċi tal-Iżlam dan iwassal għal livell għoli ta' purifikazzjoni spiritwali. Jalla Alla l-Omnipotenti jgħinna ngħixu ħajja sana kemm fiżikament kif ukoll spiritwalment. Ammen.

# IL-KONTROLL FUQEK INNIFSEK

Il-Messija Mwiegħed[as] qal: "Jiena tant għandi kontroll fuqi nnifsi u Alla Omnipotenti tant għamel lil ruħi ġenwina bħala Musulman li jekk xi ħadd kellu jpoġġi quddiemi u jibda jlissen—għal sena sħiħa—l-aktar kliem ħażin u oxxen li wieħed jista' jimmaġina, fl-aħħar nett, jibdew jistħu minnhom infushom u ma jkollhomx għażla ħlief li jammettu li ma kinux kapaċi jdgħajfu s-sabar tiegħi." (*Malfużat* – Vol.2, p.171)

# IL-MAĦFRA

Il-Messija Mwiegħed[as] ta ftit ittri lill-qaddej tiegħu Hamid Ali[ra] biex jeħodhom il-posta. Hamid Ali[ra] tilef l-ittri. Wara ġimgħa, meta l-ittri nstabu mxerrda fuq munzell żibel, il-Messija Mwiegħed[as] sejjaħ lil Hamid Ali[ra], urieh l-ittri u b'ħafna ġentilezza qallu: "Hamid Ali, inti qed tinsa ħafna. Għandek tagħmel xogħlok bil-galbu." (*Malfużat* – Vol.2, p.172)



# IT-TOLLERANZA RELIĠJUŻA




Ir-reliġjon hija ġabra ta' tagħlimiet mogħtija minn Alla l-Omnipotenti għat-titjib tal-umanità. B'hekk, ir-reliġjon twassal lis-soċjetà regolamenti dwar it-tolleranza, l-imħabba, il-ħniena, il-maħfra, il-ġustizzja, il-paċenzja u kif għandna nittolleraw it-tbatija. Ir-reliġjon hija strument b'saħħtu għal bidla pożittiva u għat-tiswir ta' soċjetà utli u f'saħħitha. Ir-reliġjon tilgħab parti importanti fl-iżvilupp mentali, soċjali, morali, etiku, u spiritwali tal-umanità.

Ir-reliġjon dejjem kienet favur is-sabar, l-armonija u t-tolleranza. L-ebda reliġjon ma għallmet lis-segwaċi tagħha biex jiżirgħu ż-żerriegħa tal-intolleranza u l-mibegħda. Fil-verità, ir-reliġjon hija sors ta' paċi, imħabba u rispett.

Dik is-soċjetà li titbiegħed mir-reliġjon u b'hekk tinjora l-liġijiet prezzjużi ta' Alla ma treġix. Bl-istess mod, reliġjon li tinqata' mis-soċjetà u tadotta attitudni egoista lejn il-komunità titlef id-dritt li tissejjaħ reliġjon universali.

Sa fejn għandu x'jaqsam l-Iżlam, it-tagħlim kollu tiegħu jista' jinġabar fi ftit kliem, li l-Ahmadiyya Muslim Jamaat adottat bħala l-motto tagħha, **"Imħabba lejn Kulħadd, Mibegħda lejn Ħadd"**. Barra minn hekk, nixtieq nippreżenta xi tagħlim tal-Iżlam dwar it-tolleranza reliġjuża.

Jekk inħarsu madwarna nintebħu li d-dinja hija kapulavur ta' ħolqien, maħluq bl-għerf profond tal-Ħallieq. Hija tant

sabiħa, imlewna u diversa li tagħmel il-ħajja tant vibranti u kompetittiva. Biex jenfasizza l-ħsieb wara l-ħolqien, Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **U qalb is-Sinjali Tiegħu hemm il-kreazzjoni tas-smewwiet u l-art, u l-varjetà tal-ilsna u l-kuluri tagħkom. F'dan żgur jidhru Sinjali għal dawk li jħaddnu l-għerf. (30:23)**

F'dan il-vers Alla l-Omnipotenti jenfasizza l-importanza tad-diversità, jorbot il-progress uman mad-diversità tal-ilsna u l-kuluri. Barra minn hekk, iwassalna għall-fatt li minkejja d-differenza fl-ilsna, it-tribujiet, in-nazzjonijiet, il-professjoni, il-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi, ir-reliġjonijiet u stadji fil-ħajja, irridu nifhmu li billi nħloqna minn Alla Wieħed, aħna lkoll, kif inhu, minn sors wieħed, 'ulied missier wieħed', u għalhekk għandna nagħmlu ħilitna biex ngħixu fil-paċi u l-armonija u nikkoperaw biex nagħmlu l-ħajja denja li tingħex għal kulħadd.

Aktar minn hekk, meta nirriflettu fuq dan il-vers insibu li wara l-varjetà fl-ilsna u l-kuluri li wasslet għad-diversità fiċ-ċivilizzazzjonijiet u l-kulturi hemm l-unità — l-unità tal-umanità. Din l-uniċità tal-umanità twassal għall-konklużjoni inevitabbli tal-Uniċità tal-Ħallieq tagħha.

Għaldaqstant, huwa importanti ħafna li għandna ngħixu bħala unità waħda, familja waħda umana – fejn, għalkemm għandna opinjonijiet differenti u niġu minn ambjenti soċjali u reliġjużi differenti, għandna nitgħallmu ngħixu flimkien fil-paċi, l-armonija u t-tolleranza. Dan hu ħafna aħjar milli noqogħdu niġġieldu u ninqasmu f'ħafna klassijiet u sezzjonijiet.

Jekk nitgħallmu din il-lezzjoni fundamentali, nistgħu ngħixu flimkien b'rispett reċiproku, f'unità u koeżistenza paċifika għall-għaqda u progress nazzjonali, filwaqt li nħaddnu t-tagħlim u l-ideoloġiji soċjali u reliġjużi differenti tagħna.

# NUQQAS TA' PAĊI MINĦABBA TALLAB

Darba waħda, meta l-Messija Mwiegħed[as] kien dieħel id-dar wara r-ritwal tat-Talb, kien hemm tallab li talbu għal xi ħaġa, iżda minħabba li dak il-ħin kien imdawwar bi grupp kbir ta' nies, leħnu ma setax iwassal.

Il-Messija Mwiegħed[as] irritorna wara li daħal f'daru u bagħat lill-qaddejja 'l hemm u 'l hawn biex ifittxu lit-tallab, iżda dan ma deher imkien. Filgħaxija, il-persuna reġgħet tfaċċat. Meta għal darb'oħra talab xi ħaġa, il-Messija Mwiegħed[as] ħareġ xi ħaġa minn butu u tahielu.

Wara ftit ġranet, f'okkażjoni partikolari, il-Messija Mwiegħed[as] qal: "Dakinhar meta ma stajniex insibu lil dak it-tallab, ħassejt toqol f'qalbi li ġabli ħafna skumdità. Kont qed nibża' li għamilt dnub billi ma tajtx kas ta' dak it-tallab u bqajt dieħel f'dari mal-ewwel.

Nirringrazzja lil Alla Gglorifikat li reġa' ġie filgħaxija. Kieku ma ġiex, Alla jaf kemm kont nibqa' inkwetat. Tlabt ukoll lil Alla Omnipotenti biex jerġa' jqarreb lil dik il-persuna lejja."

(*Malfużat* – Vol.2, p.173)

IMĠIBA TAJBA

"Xejn ma jiżen aktar fil-miżien ta' Alla daqs l-imġiba eċċellenti."

(Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**